Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni nru 1738/2014 JRM fl-ismijiet:

Dragonara Gaming Limited

v.

Il-Ministru tal-Finanzi et

Rikors ta' Dragonara Gaming Limited ("**Dragonara**")

Tesponi bir-rispett dan li jsegwi:

**Introduzzjoni**

1. Dragonara għanda informazzjoni – ikkonfermata bil-ġurament illum – li dak li Dr E Camilleri ma xehedx is-sewwa. Dok RE5 hu affidavit maħluf minn Joe Mikallef.[1]

2. Din hi talba biex din l-Onor Qorti ma tagħtix digriet sakemm jkun jista' jinstema' l-eks Imħallef Valenzia li (mill-informazzjoni li ta' lill-purtier, għandu jirritorna Malta fil-21 tax-xahar), u ssir trattazzjoni ulterjuri.

**Il-verżjoni ta' Dr Camilleri**

3. Dragonara m'għandhiex f'idejha t-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Dr Camilleri, allura dak li ser jingħad hawn hu dak li jiftakar l-Avukat Mizzi (li llum jinsab indispost u li hu għal din ir-raġuni li ma ffirmax dan ir-rikors), u jibqa' soġġett għal kull preċiżazzjoni meħtieġa wara li t-traskrizzjoni tkun disponibbli.

4. Dr Camilleri qal, essenzjalment, is-segwenti

    a. Hu ma għażilx il-membri tas-sottokumitat Valenzia, u dana sabiex ikunu indipendenti minnu (mhux ċar min appuntahom, jekk is-sottoskritt jiftakar sewwa); b'danakollu kien hu li ffirma l-ittri tal-ħatra, ittri li kien fihom twissija li l-membri ma kellhomx ikollhom ebda konflitt ta' interess;

[1] Dan l-affidavit mhux qed jiġi ppreżentat għall-finijiet tal-art 11 ta' l-Avviż Legali 279 ta' l-2008, imma sempliċement bħala dikjarazzjoni ġuramentata intiża biex tissostanzja t-talba f'dan ir-rikors.

b. Meta ġie biex jinħatar is-sottokumitat presjedut mill-eks Imħallef Valenzia, persuna li kienet ġiet avviċinata biex tipparteċipa fih irrifjuta, għaliex qal li seta' kellu, jew kellu, konflitt;

c. Wara li nħatar is-sottokumitat, iżda qabel ma saru l-*presentations*, Dragonara oġġezzjonat fir-rigward ta' wieħed mill-membri;

d. Wara l-*presentations*, u meta l-kumitat kien qed jiddelibera, xi ħadd (mhux ċar min) staqsa lil Dr Camilleri jekk il-membri kienux iffirmaw dikjarazzjoni li ma kellhomx interess. Dr Camilleri rrifera għall-ittri tal-ħatra li kienu jindirizzaw dan il-punt, iżda hu xorta ġie mitlub, jew ordnat, li jitlob tali dikjarazzjonijiet.

e. Hu hekk għamel, nhar il-ġimgħa 4 ta' April 2014. Tlieta mill-membri iffirmaw, filwaqt li r-raba' wieħed qal li hu ma jiffirmax qabel ma jieħu parir mingħand avukat.

f. Is-sibt 5 ta' April 2014 Dr Camilleri rċieva telefonata mingħand is-segretarju Parlamentari Zammit Lewis li esprima disgwid dwar il-fatt li membru ma kienx iffirma d-dikjarazzjoni (mhux ċar kif u għaliex il-PS sar jaf b'dak li ġara).

g. Ċempillu ukoll il-Ministru Cardona (għal darb'oħra, mhux ċar kif sar jaf) dwar l-istess kwistjoni u ordnalu biex jissospendi x-xogħol tas-sottokumitat.

h. It-tnejn 7 ta' April 2014 Dr Camilleri sejjaħ laqgħa mal-eks Imħallef biex jgħarrfu, verbalment, bis-sospensjoni.

i. L-Imħallef għarraf lil Dr Camilleri li hu ma kienx bi ħsiebu jivvota u li r-rapport, li ma kienx lest, kien ser ikun inkonklussiv.

j. It-tnejn 7 ta' April 2014 stess il-membru tas-sottokumitat li ried jikkonsulta l-avukat tiegħu, wassal dikjarazzjoni ffirmata lill-Privatisation Unit, dikjarazzjoni fis-sens li hu ma kellu ebda konflitt. Dr Camilleri ma setax jiftakar jekk din waslitx waqt il-laqgħa li hu kellu mal-Imħallef.

k. Minkejja li kienet waslet id-dikjarazzjoni, is-sospensjoni la twaqqfet u lanqas ġiet irtirata.

l. Anzi, l-għada t-tlieta 8 ta' April 2014 ikkonferma s-sospensjoni bil-miktub;

m. Ma kien hemm ebda ebda żvilupp sakemm fid-19 ta' Ġunju 2014 il-kumitat ġie xjolt, fuq ordni tal-Ministru.

5. Skond Joe Mikallef,

a. Is-sottokumitat lesta rapport, li rah b'għajnejh, u ġie ffirmat minn tliet membri, bir-raba' membru – ċertu Joshua Zammit – jirrifjuta li jiffirmah;

b. Ir-rapport ma hu inkonklussiv xejn: fih rakkomandazzjoni ċara li l-*Preferred Proponent* kellu jkun Dragonara;

c. Ir-rapport sab li Dragonara kellha l-aħjar proposta fir-rigward tal-kriterji 2, 6, 8, 9, 10 u 12;

d. Sab ukoll li Dragonara u Eden kien indaqs fuq kriterji 1, 3, 4, 5, 7, 11, 13;

e. Eden ma kienet aħjar f'ebda kriterju;

f. Il-kriterji li evalwa dan is-sottokumitat ma kienux jinkludu ebda evalwazzjoni ta' 'net present value';

**Liema hi l-verità**

6. Veru li l-Imħallef Valenzia qal lil Dr Camilleri, meta ltqagħu fis-7 ta' April 2014, li x-xogħol tal-sottokumitat ma kienx lest?

7. Veru li qal li r-rapport ma kienx ser ikollu rakkomandazzjoni konklussiva?

8. Veru jew le li r-rapport tħejja, li l-vot ittieħed, li ġie ffirmat minn tliet membri u li Joshua Zammit irrifjuta li jiffirmah avolja l-posizzjoni tiegħu ġiet riflessa fedelment fir-rapport?

9. Jekk tħejja r-rapport, dan ġie mgħoddi lill-*Privatisation Unit* jew, jekk le, il-*Privatisation Unit* ingħatat xi tagħrif dwaru?

10. X'sar mill-inkartament tas-sottokumitat wara li ġie sospiż u, eventwalment, xjolt?

**Ħtieġa li jinstema' l-Imħallef Valenzia**

11. Hu sottomess bir-rispett li, jekk inhu minnu dak li ġie maħluf minn Joe Mikallef, allura din l-Onor Qorti ġiet żgwidata tul ix-xhieda tal-bieraħ. Hemm bżonn, hu sottomess bir-rispett, li jinstema' l-eks Imħallef Valenzia biex jagħti l-verżjoni tiegħu dwar dak li xehed Dr Camilleri u dak li ħalef Joe Mikallef.

Għalhekk, Dragonara titlob bir-rispett li dina l-Onor Qorti tieqaf milli tagħti d-digriet sakemm jinstema' l-eks Imħallef Valenzia u trattazzjoni ulterjuri, u terġa' tappunta r-rikors għas-smigħ għal dan il-għan.

**Av. Louis de Gabriele**
CAMILLERI PREZIOSI
Level 3, Valletta Buildings
South Street
Valletta
T 21238989
F henri.mizzi@camilleripreziosi.com

**PL Jean Pierre Busuttil**

Notifiki:

Il-Ministeru għall-Finanzi – 30, Maison Demandols, South Street, Valletta

Il-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar – 197, Palazzo Zondadari, Merchants Street, Valletta

Dr. Emanuel Camilleri – The Chairman, Privatisation Unit, 4, Clock Tower, Level 1, Tigne' Point, Sliema

L-Avukat Generali – The Palace, Valletta

Dok "RE5"

Jien, Joe Mikallef, detentur tal-karta ta' l-identita numru 497966(M) nikkonferma bil-ġurament tiegħi dan li ġej.

Jien nokkupa l-kariga ta' editur investigattiv mal-ġurnal "In-Nazzjon".

Nikkonferma li jien rajt b'għajnejja kopja fotostatika ta' rapport iffirmat mill-eks Imħallef Geoffrey Valenzia u żewġ membri oħra tas-sottokumitat li kien maħtur mill-Privatisation Unit b'rabta mal-RFP għall-ħruġ ta' konċessjoni biex jinfetaħ u jiġi operati casinó skont sejħa pubblika maħruġa mill-Gvern.

Jien ktibt rapport investigattiv dwar dan ir-rapport u dan ġie pubblikat fil-ħarġa tal-ġurnal In-Nazzjon tas-17 ta' Novembru 2014, li qed nehmeż kopja tiegħu ma' dan l-affidavit. Jien nikkonferma li dak li nikkwota mir-rapport jien ħadtu mill-istess rapport u nikkonferma wkoll li dan ir-rapport kien wieħed konklussiv u fih rakkommandazzjoni ċara favur Dragonara Gaming Limited.

**Joe Mikallef**

Illum 18th November 2014
Deher Joe Mikallef
I.D. No. 497966 (m)
ħalef il-korretezza ta' dan l-att
waqt li qrajtulu

JEAN-PIERRE BUSUTTIL B.A.(Law),L.P.
Commissioner for Oaths